Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/72/PESK

tal-31 ta' Jannar 2011

dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

(ĠU L 28, 2.2.2011, p. 62)

Emendata minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2011/79/PESK tal-4 ta' Frar 2011	L 31	40	5.2.2011
►M2	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/50/PESK tas-27 ta' Jannar 2012	L 27	11	31.1.2012
►M3	Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/724/PESK tas-26 ta' Novembru 2012	L 327	45	27.11.2012
►M4	Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/72/PESK tal-31 ta' Jannar 2013	L 32	20	1.2.2013
►M5	Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2013/409/PESK tat-30 ta' Lulju 2013	L 204	52	31.7.2013
►M6	Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/49/PESK tat-30 ta' Jannar 2014	L 28	38	31.1.2014
►M7	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/157 tat-30 ta' Jannar 2015	L 26	29	31.1.2015
►M8	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2016/119 tat-28 ta' Jannar 2016	L 23	65	29.1.2016
►M9	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/153 tas-27 ta' Jannar 2017	L 23	19	28.1.2017
►M10	Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/141 tad-29 ta' Jannar 2018	L 25	38	30.1.2018

▼B

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2011/72/PESK

tal-31 ta' Jannar 2011

dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fit-Tuneżija

Artikolu 1

1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li jappartjenu, huma proprjetà ta, miżmuma jew ikkontrollati minn persuni responsabbli għal misapproprjazzjoni ta' fondi tal-Istat Tuneżin, u persuni jew entitajiet fiżiċi jew ġuridiċi assoċjati magħhom, kif elenkati fl-Anness, għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond jew riżors ekonomiku m'għandu jsiru disponibbli, direttament jew indirettament, lil jew għal benefiċċju ta' persuni jew entitajiet fiżiċi jew ġuridiċi elenkati fl-Anness.

3. L-awtorità kompetenti ta' Stat Membru tista' tawtorizza r-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati jew li ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli, taħt tali kondizzjonijiet li hi tikkunsidra adatti, wara li tkun iddeterminat li l-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi kkonċernati huma:

(a) meħtieġa biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet bażiċi tal-persuni elenkati fl-Anness u l-membri tal-familja dipendenti minnhom, inklużi pagamenti għal ikel, kera jew dejn, mediċini u kura medika, taxxi, premiums tal-assigurazzjoni, u ħlasijiet ta' servizzi pubbliċi;

(b) maħsubin esklussivament għall-ħlas ta' onorarji professjonali raġonevoli u għar-rimborż ta' spejjeż magħmula li huma assoċjati mal-provvista ta' servizzi legali;

(c) maħsubin esklussivament għall-pagament ta' miżati jew ħlasijiet għal servizzi għaż-żamma jew manteniment ta' rutina ta' fondi ffriżati jew riżorsi ekonomiċi; jew

(d) meħtieġa għal spejjeż straordinarji, bil-kondizzjoni li l-awtorità kompetenti tkun innotifikat lill-awtorità kompetenti tal-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bir-raġunijiet li għalihom tikkunsidra li għandha tingħata awtorizzazzjoni speċifika, mill-inqas ġimgħatejn qabel l-awtorizzazzjoni.

Stat Membru għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħrajn u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan il-paragrafu.

▼M3

4. B'deroga mill-paragrafu 1, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw ir-rilaxx ta' ċerti fondi jew riżorsi ekonomiċi ffriżati, dment li jkunu ssodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi huma s-suġġett ta' deċiżjoni arbitrali mogħtija qabel id-data meta l-persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp imsemmi fil-paragrafu 1 ġie elenkat fl-Anness jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva meħuda fl-Unjoni, jew ta' deċiżjoni ġudizzjarja infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat, qabel jew wara dik id-data;

▼M3

(b) il-fondi jew ir-riżorsi ekonomiċi ser jintużaw esklużivament biex jissodisfaw pretensjonijiet ggarantiti minn tali deċiżjoni jew rikonoxxuti bħala validi f'tali deċiżjoni, fil-limiti stipulati fil-liġijiet u r-regolamenti applikabbli li jirregolaw id-drittijiet ta' persuni li għandhom tali pretensjonijiet;

(c) id-deċiżjoni mhix għall-benefiċċju ta' persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp elenkat fl-Anness; u

(d) ir-rikonoxximent tad-deċiżjoni ma jmurx kontra l-politika pubblika fl-Istat Membru kkonċernat.

L-Istat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bi kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija bis-saħħa ta' dan il-paragrafu.

5. Il-paragrafu 2 m'għandux japplika għaż-żieda fil-kontijiet iffriżati ta':

(a) imgħax jew dħul ieħor fuq dawk il-kontijiet; jew

(b) ħlasijiet dovuti taħt kuntratti, ftehimiet jew obbligi li jkunu ġew konklużi jew li nħolqu qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru soġġetti għal din id-Deċiżjoni; jew

(c) ħlasijiet dovuti taħt deċiżjonijiet ġudizzjarji, amministrattivi jew arbitrali mogħtija fl-Unjoni jew infurzabbli fl-Istat Membru kkonċernat,

dment li tali imgħax, dħul ieħor u ħlasijiet jibqgħu soġġetti għall-miżuri previsti fil-paragrafu 1.

▼B

Artikolu 2

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi fuq proposta minn Stat Membru jew ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, għandu jistabbilixxi u jemenda l-lista li tinsab fl-Anness.

2. Il-Kunsill għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu, inklużi r-raġunijiet għall-elenkar, lill-persuna jew l-entità kkonċernata, jew direttament, jekk l-indirizz ikun magħruf, jew permezz tal-pubblikazzjoni ta' avviż, u b'hekk tali persuna jew entità jingħataw l-opportunità li jippreżentaw osservazzjonijiet.

3. Fejn jiġu ppreżentati osservazzjonijiet, jew provi sostanzjali ġodda, il-Kunsill għandu jirrevedi d-deċiżjoni tiegħu u jinforma lill-persuna jew entità skont il-każ.

Artikolu 3

1. L-Anness għandu jinkludi r-raġunijiet għall-elenkar ta' persuni u entitajiet.

▼B

2. L-Anness għandu jkun fih ukoll, meta tkun disponibbli, l-informazzjoni meħtieġa biex jiġu identifikati l-persuni jew entitajiet ikkonċernati. Fir-rigward tal-persuni, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, inkluż il-psewdonimi, id-data u l-post tat-twelid, iċ-ċittadinanza, in-numri tal-passaport u tal-karta tal-identità, is-sess, l-indirizz jekk magħruf, u l-funzjoni jew il-professjoni. Fir-rigward tal-entitajiet, tali informazzjoni tista' tinkludi l-ismijiet, il-post u d-data tar-reġistrazzjoni, in-numru tar-reġistrazzjoni u l-post tan-negozju.

Artikolu 4

Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt tal-miżuri msemmija hawn fuq, l-Unjoni għandha tħeġġeġ lil Stati terzi biex jadottaw miżuri restrittivi simili għal dawk imniżżla f'din id-Deċiżjoni.

▼M10

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sal-31 ta' Jannar 2019. Hija għandha tinżamm taħt reviżjoni kostanti. Tista' tiġġedded jew tiġi emendata, skont il-każ, jekk il-Kunsill iqis li l-objettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.

▼B

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

▼M8

ANNESS

LISTA TA' PERSUNI U ENTITAJIET IMSEMMIJIN FL-ARTIKOLU 1

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
1.	Zine El Abidine Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI	Ex President tat-Tuneżija, twieled f'Hamman-Sousse, fit-3 ta' Settembru 1936, iben Selma HASSEN, miżżewweġ lil Leïla TRABELSI, detentur tal-karta tal-identità nazzjonali (NIC) Nru 00354671.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra u għar-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu
2.	Leila Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Tuneżina, twieldet f'Tuneż, fl-24 ta' Ottubru 1956, bint Saida DHERIF, miżżewwġa lil Zine El Abidine BEN ALI, detentur tal-NIC Nru 00683530.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u għal kompliċità fir-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu
3.	Moncef Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fl-4 ta' Marzu 1944, iben Saida DHERIF, miżżewweġ lil Yamina SOUIEI, direttur amministrattiv, jirresjedi fi 11 rue de France — Radès Ben Arous, detentur tal-NIC Nru 05000799.	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetti għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
4.	Mohamed Ben Moncef Ben Mohamed TRABELSI	Tuneżin, twieled f'Sabha-Lybie fis-7 ta' Jannar 1980, iben Yamina SOUIEI, direttur amministrattiv, miżżewweġ lil Inès LEJRI, jirresjedi f'Résidence de l'Étoile du Nord — suite B- is-7 sular — apt. Nru 25 — Centre urbain du nord — Cité El Khadra — Tuneż, detentur tal-NIC Nru 04524472.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika (ex-uffiċjal kap eżekuttiv tal-Banque Nationale Agricol) biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra

▼M8

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
▼M10			
5.	Fahd Mohamed Sakher Ben Moncef Ben Mohamed Hfaiez MATERI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fit-2 ta' Diċembru 1981, iben Naïma BOUTIBA, miżżewweġ lil Nesrine BEN ALI, detentur tal-NIC Nru 04682068.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-miżapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi Tuneżini minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika (l-*ex* President Ben Ali) biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża telf lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika, l-*ex* President Ben Ali, bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u għal kompliċità fir-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf li ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu.
▼M8			
6.	Nesrine Bent Zine El Abidine Ben Haj Hamda BEN ALI	Tuneżina, twieldet f'Tuneż fis-16 ta' Jannar 1987, bint Leïla TRABELSI, miżżewġa lil Fahd Mohamed Sakher MATERI, detentur tal-NIC Nru 00299177.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u għal kompliċità fir-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu.
7.	Halima Bent Zine El Abidine Ben Haj Hamda BEN ALI	Tuneżina, twieldet f'Tuneż, fis-17 ta' Lulju 1992, bint Leïla TRABELSI, detentur tal-NIC Nru 09006300.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
8.	Belhassen Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fil-5 ta' Novembru 1962, iben Saida DHERIF, miżżewweġ lil Yamina SOUIEI, direttur amministrattiv, jirresjedi fi 32 rue de France — Radès Ben Arous, detentur tal-NIC Nru 00777029.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼**M8**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
9.	Mohamed Naceur Ben Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fl-24 ta' Ġunju 1948, iben Saida DHERIF, miżżewweġ lil Nadia MAKNI, amministratur delegat ta' impriża agrikola, jirresjedi fi 20 rue El Achfat — Carthage — Tuneż, detentur tal-NIC Nru 00104253.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
10.	Jalila Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Tuneżina, twieldet f'Tuneż fid-19 ta' Frar 1953, bint Saida DHERIF, miżżewġa lil Mohamed MAHJOUB, direttur amministrattiv, tirresjedi fi 21 rue d'Aristote — Carthage Salammbô, detentur tal-NIC Nru 00403106.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
11.	Mohamed Imed Ben Mohamed Naceur Ben Mohamed TRABELSI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fis-26 ta' Awwissu 1974, iben Najia JERIDI, kummerċjant, jirresjedi fi 124 avenue Habib Bourguiba -Carthage presidence, detentur tal-NIC Nru 05417770.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
12.	Mohamed Adel Ben Mohamed Ben Rehouma TRABELSI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fis-26 ta' April 1950, iben Saida DHERIF, miżżewweġ lil Souad BEN JEMIA, direttur amministrattiv, jirresjedi fi 3 rue de la Colombe — Gammarth Supérieur, detentur tal-NIC Nru 00178522.	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetti għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
13.	Mohamed Mourad Ben Mohamed Ben Rehouma TRABELSI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fil-25 ta' Settembru 1955, iben Saida DHERIF, miżżewweġ lil Hela BELHAJ, CEO, jirresjedi fi 20 rue Ibn Chabat — Salammbô —Carthage -Tuneż, detentur tal-NIC Nru 05150331.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M8

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
14.	Samira Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Tuneżina, twieldet f'Tuneż fis-27 ta' Diċembru 1958, bint Saida DHERIF, miżżewġa lil Mohamed Montassar MEHERZI, direttur kummerċjali, tirresjedi fi 4 rue Taoufik EI Hakim — La Marsa, detentur tal-NIC Nru 00166569.	Persuna soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jakkwista vantaġġ mhux ġustifikat għal parti terza u biex jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra, u għal kompliċità fir-reat ta' riċezzjoni minn uffiċjal pubbliku ta' fondi pubbliċi li kien jaf ma kinux dovuti, u li ġew użati għall-benefiċċju personali tiegħu jew ta' membri tal-familja tiegħu.
15.	Mohamed Montassar Ben Kbaier Ben Mohamed MEHERZI	Tuneżin, twieled f'La Marsa fil-5 ta' Mejju 1959, iben Fatma SFAR, miżżewweġ lil Samira TRABELSI, CEO, jirresjedi fi 4 rue Taoufik El Hakim-La Marsa, detentur tal-NIC Nru 00046988.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
16.	Nefissa Bent Mohamed Ben Rhouma TRABELSI	Tuneżina, twieldet fl-1 ta' Frar 1960, bint Saida DHERIF, miżżewġa lil Habib ZAKIR, tirresjedi fi 4 rue de la Mouette — Gammarth Supérieur, detentur tal-NIC Nru 00235016.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
17.	Habib Ben Kaddour Ben Mustapha BEN ZAKIR	Tuneżin, twieled fil-5 ta' Marzu 1957, iben Saida BEN ABDALLAH, miżżewweġ lil Nefissa TRABELSI, kuntrattur, jirresjedi fi 4 rue Ennawras — Gammarth Supérieur, detentur tal-NIC Nru 00547946.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
18.	Moez Ben Moncef Ben Mohamed TRABELSI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fit-3 ta' Lulju 1973, iben Yamina SOUIEI, direttur amministrattiv, kuntrattur, jirresjedi fil-blokk ta' appartamenti Amine El Bouhaira-rue du Lac Turkana-Les Berges du Lac -Tuneż, detentur tal-NIC Nru 05411511.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼**M8**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
19.	Lilia Bent Noureddine Ben Ahmed NACEF	Tuneżina, twieldet f'Tuneż, fil-25 ta' Ġunju 1975, bint Mounira TRABELSI (oħt Leila TRABELSI), direttur amministrattiv, miżżewġa lil Mourad MEHDOUI, tirresjedi fi 41 rue Garibaldi -Tuneż, detentur tal-NIC Nru 05417907.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
20.	Mourad Ben Hédi Ben Ali MEHDOUI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fit-3 ta' Mejju 1962, iben Neila BARTAJI, miżżewweġ lil Lilia NACEF, CEO, jirresjedi fi 41 rue Garibaldi —Tuneż, detentur tal-NIC Nru 05189459.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
21.	Houssem Ben Mohamed Naceur Ben Mohamed TRABELSI	Tuneżin, twieled fit-18 ta' Settembru 1976, iben Najia JERIDI, CEO, jirresjedi fil-housing estate Erriadh.2-Gammarth — Tuneż, detentur tal-NIC Nru 05412560.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
22.	Bouthaina Bent Moncef Ben Mohamed TRABELSI	Tuneżina, twieldet fl-4 ta' Diċembru 1971, bint Yamina SOUIEI, direttur amministrattiv, tirresjedi fi 2 rue El Farrouj — La Marsa, detentur tal-NIC Nru 05418095.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
23.	Nabil Ben Abderrazek Ben Mohamed TRABELSI	Tuneżin, twieled fl-20 ta' Diċembru 1965, iben Radhia MATHLOUTHI, miżżewweġ lil Linda CHERNI, skrivan ma' Tunisair, jirresjedi fi 12 rue Taieb Mhiri-Le Kram — Tuneż, detentur tal-NIC Nru 00300638.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M8

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
24.	Mehdi Ben Ridha Ben Mohamed BEN GAIED	Tuneżin, twieled fid-29 ta' Jannar 1988, iben Kaouther Feriel HAMZA, CEO tal-kumpannija Stafiem — Peugeot, jirresjedi fi 4 rue Mohamed Makhlouf — El Manar.2-Tuneż.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
25.	Mohamed Slim Ben Mohamed Hassen Ben Salah CHIBOUB	Tuneżin, twieled fit-13 ta' Jannar 1959, iben Leïla CHAIBI, miżżewweġ lil Dorsaf BEN ALI, CEO, jirresjedi f'rue du Jardin — Sidi Bousaid — Tuneż, detentur tal-NIC Nru 00400688.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika (l-*ex* President Ben Ali) biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
26.	Dorsaf Bent Zine El Abidine Ben Haj Hamda BEN ALI	Tuneżina, twieldet f'Le Bardo, fil-5 ta' Lulju 1965, bint Naïma EL KEFI, miżżewġa lil Mohamed Slim CHIBOUB, tirresjedi fi 5 rue El Montazah — Sidi Bousaid — Tuneż, detentur tal-NIC Nru 00589759.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼M9

27.	Sirine (Cyrine) Bent Zine El Abidine Ben Haj Hamda BEN ALI	Tuneżina, twieldet f'Le Bardo, fil-21 ta' Awwissu 1971, bint Naïma EL KEFI, miżżewġa lil Mohamed Marwan MABROUK, detentur tal-NIC Nru 05409131. Detentriċi ta' Passaport Tuneżin Nru x599070 maħruġ f'Novembru 2016 u li jiskadi fil-21.11.2021.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
28.	Mohamed Marwan Ben Ali Ben Mohamed MABROUK	Tuneżin, twieled f'Tuneż fil-11 ta' Marzu 1972, iben Jaouida El BEJI, miżżewweġ lil Sirine BEN ALI, CEO, jirresjedi fi 8 rue du Commandant Béjaoui — Carthage — Tuneż, detentur tal-NIC Nru 04766495. Detentur ta' Passaport Franċiż Nru 11CK51319 li jiskadi fl-1.8.2021.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼**M8**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
29.	Ghazoua Bent Zine El Abidine Ben Haj Hamda BEN ALI	Tuneżina, twieldet f'Le Bardo fit-8 ta' Marzu 1963, bint Naïma EL KEFI, miżżewġa lil Slim ZARROUK, tabib, tirresjedi fi 49 avenue Habib Bourguiba — Carthage, detentur tal-NIC Nru 00589758.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
30.	Slim Ben Mohamed Salah Ben Ahmed ZARROUK	Tuneżin, twieled f'Tuneż fit-13 ta' Awwissu 1960, iben Maherzia GUEDIRA, miżżewweġ lil Ghazoua BEN ALI, CEO, jirresjedi fi 49avenue Habib Bourguiba — Carthage, detentur tal-NIC Nru 00642271.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
31.	Farid Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI	Tuneżin, twieled f'Hammam-Sousse fit-22 ta' Novembru 1949, iben Selma HASSEN, fotografu u ġurnalist fil-Ġermanja, jirresjedi fi 11 rue Sidi el Gharbi — Hammam — Sousse, detentur tal-NIC Nru 02951793.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
32.	Faouzi Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI	Tuneżin, twieled f'Hammam-Sousse fit-13 ta' Marzu 1947, miżżewweġ lil Zohra BEN AMMAR, direttur amministrattiv, jirresjedi fi rue El Moez — Hammam — Sousse, detentur tal-NIC Nru 02800443.	Persuna (mejta) li l-attivitajiet tagħha huma soġġetti għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'miżappropriazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil parti terza u jikkawża telf lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jikseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
33.	Hayet Bent Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI	Tuneżina, twieldet f'Hammam-Sousse fis-16 ta' Mejju 1952, bint Selma HASSEN, miżżewġa lil Fathi REFAT, rappreżentanta ta' Tunisair, tirresjedi fi 17 avenue de la République.- Hammam-Sousse, detentur tal-NIC Nru 02914657.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼**M8**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
34.	Najet Bent Haj Hamda Ben Raj Hassen BEN ALI	Tuneżina, twieldet f'Sousse fit-18 ta' Settembru 1956, bint Selma HASSEN, miżżewġa lil Sadok Habib MHIRI, direttur ta' kumpannija, jirresjedi fi avenue de l'Imam Muslim-Khezama ouest-Sousse, detentur tal-NIC Nru 02804872.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
35.	Slaheddine Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI	Tuneżin, twieled fit-28 ta' Ottubru 1938, iben Selma HASSEN, irtirat, armel ta' Selma MANSOUR, jirresjedi fi 255 cité El Bassatine — Monastir, detentur tal-NIC Nru 02810614.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
36.	Kaïs Ben Slaheddine Ben Haj Hamda BEN ALI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fil-21 ta' Ottubru 1969, iben Selma MANSOUR, miżżewweġ lil Monia CHEDLI, direttur amministrattiv, jirresjedi f'avenue Hédi Nouira — Monastir, detentur tal-NIC Nru 04180053.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
37.	Hamda Ben Slaheddine Ben Haj Hamda BEN ALI	Tuneżin, twieled f'Monastir fid-29 ta' April 1974, iben Selma MANSOUR, mhux miżżewweġ, direttur ta' kumpannija, jirresjedi fi 83 Cap Marina — Monastir, detentur tal-NIC Nru 04186963.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
38.	Najmeddine Ben Slaheddine Ben Haj Hamda BEN ALI	Tuneżin, twieled f'Monastir fit-12 ta' Ottubru 1972, iben Selma MANSOUR, mhux miżżewweġ, esportatur u importatur kummerċjali, jirresjedi fi avenue Mohamed Salah Sayadi — Skanes — Monastir, detentur tal-NIC Nru 04192479.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼**M8**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
39.	Najet Bent Slaheddine Ben Haj Hamda BEN ALI	Tuneżina, twieldet f'Monastir fit-8 ta' Marzu 1980, bint Selma MANSOUR, miżżewġa lil Zied JAZIRI, segretarja ta' kumpannija, tirresjedi f'rue Abu Dhar El Ghafari — Khezama est — Sousse, detentur tal-NIC Nru 06810509.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
40.	Douraied Ben Hamed Ben Taher BOUAOUINA	Tuneżin, twieled f'Hammam — Sousse fit-8 ta' Ottubru 1978, iben Hayet BEN ALI, direttur ta' kumpannija, jirresjedi fi 17 avenue de la République — Hammam-Sousse, detentur tal-NIC Nru 05590835.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
41.	Akrem Ben Hamed Ben Taher BOUAOUINA	Tuneżin, twieled f'Hammam — Sousse fid-9 ta' Awwissu 1977, iben Hayet BEN ALI, direttur ta' kumpannija, jirresjedi fi 17 avenue de la République — Hammam — Sousse, detentur tal-NIC Nru 05590836.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
42.	Ghazoua Bent Hamed Ben Taher BOUAOUINA	Tuneżina, twieldet f'Monastir fit-30 ta' Awwissu 1982, bint Hayet BEN ALI, miżżewġa lil Badreddine BENNOUR, tirresjedi f'rue Ibn Maja — Khezama est — Sousse, detentur tal-NIC Nru 08434380.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
43.	Imed Ben Habib Ben Bouali LTAIEF	Tuneżin, twieled F'Sousse, fit-13 ta' Jannar 1970, iben Naïma BEN ALI, kap ta' dipartiment ma' Tunisair, jirresjedi f'Résidence les Jardins, apt. 8C Block b — El Menzah 8 — l'Ariana, detentur tal-NIC Nru 05514395.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼**M8**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
44.	Naoufel Ben Habib Ben Bouali LTAIEF	Tuneżin, twieled f'Hammam — Sousse fit-22 ta' Ottubru 1967, iben Naïma BEN ALI, konsulent speċjali fil-Ministeru tat-Trasport, jirresjedi fi 4 avenue Tahar SFAR — El Manar 2-Tuneż, detentur tal-NIC Nru 05504161.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
45.	Montassar Ben Habib Ben.Bouali LTAIEF	Tuneżin, twieled f'Sousse fit-3 ta' Jannar 1973, iben Naïma BEN ALI, miżżewweġ lil Lamia JEGHAM, direttur amministrattiv, jirresjedi fi 13 Ennakhil housing estate — Kantaoui — Hammam — Sousse, detentur tal-NIC Nru 05539378.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
46.	Mehdi Ben Tijani Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen BEN ALI	Tuneżin, twieled f'Pariġi fis-27 ta' Ottubru 1966, iben Paulette HAZAT, direttur ta' kumpannija, jirresjedi f'Chouket El Arressa, Hammam-Sousse, detentur tal-NIC Nru 05515496 (nazzjonalità doppja).	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità fil-misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika (l-*ex* President Ben Ali) biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.
47.	Slim Ben Tijani Ben Haj Hamda BEN ALI	Nazzjonalità Tuneżina u Franċiża; twieled f'Le Petit Quevilly (76) fis-6 ta' April 1971 (jew fis-16 ta' April skont il-karta tal-identità Tuneżina tiegħu); iben Tijani BEN ALI li twieled fid-9 ta' Frar 1932 u Paulette HAZET (jew HAZAT) li twieldet fit-23 ta' Frar 1936; miżżewweġ lil Amel SAIED (jew SAID); direttur amministratur; jirrisjedi f'Chouket El Arressa, Hammam — Sousse, skont l-NIC Tuneżina tiegħu Nru 00297112; jirrisjedi fi 14, esplanade des Guinandiers à Bailly Romainvilliers (77), skont l-NIC Franċiża tiegħu Nru 111277501841.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.

▼**M8**

	Isem	Informazzjoni identifikattiva	Raġunijiet
48.	Sofiene Ben Habib Ben Haj Hamda BEN ALI	Tuneżin, twieled f'Tuneż fit-28 ta' Awwissu 1974, iben Leila DEROUICHE, direttur kummerċjali, jirresjedi fi 23 rue Ali Zlitni, El Manar 2-Tuneż, detentur tal-NIC Nru 04622472.	Persuna li hija soġġetta għal investigazzjonijiet ġudizzjarji mill-awtoritajiet Tuneżini għal kompliċità f'misapproprjazzjoni ta' fondi pubbliċi minn detentur ta' kariga pubblika, kompliċità fl-abbuż mill-kariga minn detentur ta' kariga pubblika biex jagħti vantaġġ mhux ġustifikat lil persuna terza u jikkawża ħsara lill-amministrazzjoni, u l-eżerċitar ta' influwenza ħażina fuq detentur ta' kariga pubblika bil-ħsieb li jinkiseb vantaġġ direttament jew indirettament għal persuna oħra.